

It-trawwim tal-kreattività, tal-innovazzjoni u tal-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh Ewropej

Pjattaforma tal-edukazzjoni ġdida tqarreb lill-proprjetà intellettuali aktar lejn il-klassi

Hekk kif għadha tibda sena skolastika, riżors ġdid multimedjali se jwassal biex il-proprjetà intellettuali (IP) toqrob aktar lejn il-klassijiet, u b'hekk se jgħin lit-tfal tal-iskola fl-Unjoni Ewropea jiżviluppaw il-kreattività u l-ħiliet tal-innovazzjoni tagħhom.

Il-paġna web ġdida [Ideas Powered @ School](#), li tnediet mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), toffri lill-għalliema, lill-għalliema fl-università u lill-ġenituri, sett ta' materjal tat-tagħlim modern li jintuża fil-prattika tat-tagħlim ta' kuljum biex itejjeb l-għarfien dwar id-drittijiet tal-[proprjetà intellettuali](#) u jżid il-fehim dwar kif il-proprjetà intellettuali tista' trawwem il-kreattività.

Żviluppata f'kollaborazzjoni ma' esperti edukattivi u n-[network tal-Proprietà Intellettuali fl-Edukazzjoni](#) - li jiġbor uffiċċji tal-proprjetà intellettuali fil-livell nazzjonali u Ministri tal-Edukazzjoni mill-Istati Membri - il-paġna web tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kunċetti u l-prattiki tal-proprjetà intellettuali - bħat-trademarks, id-disinni, id-drittijiet tal-awtur u l-privattivi - u l-applikazzjoni tagħhom fl-edukazzjoni għat-tfal ta' bejn l-4 snin u t-18-il sena.

Moduli tat-tagħlim prattiċi biex jispiraw lill-edukaturi

Il-paġna web, li għandha l-għan li tippromwovi mentalitajiet intraprenditorjali u orjentati lejn l-innovazzjoni, tinkludi tliet [moduli tat-taħriġ tal-għalliema](#) prattiċi biex tispira lill-edukaturi jinkludu prinċipji u kunċetti tal-proprjetà intellettuali adattati għall-età fil-lezzjonijiet tagħhom.

Tinkludi disa' workshops imfassla apposta bi preżentazzjonijiet, worksheets, noti ta' dawk li jħarrġu u attivitajiet li għandhom jitwettqu fil-klassi.

Il-pjattaforma tipprovdi ukoll deskrizzjoni strutturata dwar kif għandu jiġi organizzat [Jum għas-Sensibilizzazzjoni dwar il-Proprietà Intellettuali](#) għat-tfal tal-iskola b'aktivitajiet attraenti. Dawn jinkludu logħob tal-grawnd, sessjonijiet biex isiru l-logos, rokna tal-inventur u workshops b'kelliema ta' ispirazzjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO, Christian Archambeau, qal:

Il-protezzjoni tax-xogħol tiegħek stess u r-rispett lejn ix-xogħol ta' ħaddieħor għandhom rwol dejjem aktar importanti fil-ħajjiet professjonali u privati taċ-ċittadini kollha fis-seklu 21. Dan ir-riżors il-ġdid jirrappreżenta strument siewi biex iżid il-ħiliet kreattivi u innovattivi li huma fil-qalba tal-ġid ekonomiku, kulturali u soċjali Ewropew.

Is-sit web joffri ukoll l-ewwel [bażi ta' data](#) tal-materjal edukattiv relatat mal-proprjetà intellettuali minn organizzazzjonijiet mill-UE u lil hinn minnha, fil-lingwi kollha tal-UE. Eżempji jinkludu [IP4Youth&Teachers](#), għodda għas-sensibilizzazzjoni żviluppata mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali, u inizjattivi tal-logħob bħall-[Kopiraittla School](#) tal-Finlandja, li tinkludi materjal online bla ħlas li jappoġġa t-tagħlim u l-apprendiment dwar id-drittijiet tal-awtur.

Il-promozzjoni tal-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja

[Ideas Powered @ School](#) hija parti mill-proġett usa' tal-Proprietà Intellettuali fl-Edukazzjoni tal-EUIPO u hija konformi mal-isforzi tal-UE biex jiġu promossi l-[Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja](#), sett ta' linji gwida edukattivi li jinkludu l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa minn kulħadd għas-sodisfazzjoni u l-iżvilupp personali, l-impjegabbiltà, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva.

Il-proġett u n-netwerk tal-Proprietà Intellettuali fl-Edukazzjoni huma ġestiti mill-EUIPO permezz tal-[Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali](#).

DWAR L-EUIPO

L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa aġenzija deċentralizzata tal-UE, bil-kwartieri ġenerali f'Alicante, Spanja. Hu jiġġestixxi r-reġistrazzjoni tat-trademark tal-Unjoni Ewropea (EUTM) u tad-disinn Komunitarju rreġistrat (RCD), kif ukoll iwettaq attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali u reġjonali tal-proprjetà intellettuali tal-UE. L-EUIPO jwettaq riċerka u attivitajiet biex jiġġieled il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali permezz tal-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali.

Kuntatti għall-istampa

Ruth McDonald

Tel.: +34 96 513 7676

Ruth.MCDONALD@euipo.europa.eu